MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Numru. 204/2005

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Jeffrey Cilia u Anthony Agius)**
**vs**
**Norman Galea**

**Illum, 7 ta’ Marzu, 2005**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni mahruga mill-Pulizija kontra Norman Galea ta’ 30 sena, bin il-mejjet Francis u l-mejta Nancy nee’ Deguara, imwieled Pieta fil-15 ta’ Settembru, 1974, u residenti “Sardinella”, Triq ir-Rattan, Mellieha u detentur ta’ karta ta’ identita’ bin-numru 440274M fejn gie akkuzat talli:

1. Nhar it-3 ta’ Marzu, 2005 ghall-habta ta’ l-ghaxra ta’ filghodu (10:00) fil-Qawra ikkommetta serq ta’ van tal-ghamla Peugeot Partner b’numri tar-registrazzjoni JAE 346 kontenenti diversi affarijiet fosthom zewg cheque books tal-Bank of Valletta, liema serq huwa kkawifikat bix-

xorta tal-haga u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u li sar ghad-detriment ta' Joseph Pisani;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Joseph Pisani u persuni ohra fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, fuq akkonti ta' l-imsemmija persuni;
5. nhar it-3 ta' Marzu, 2005 fin-Naxxar, xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument ffalsifikat;
8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn mitt

lira Maltin (Lm100) bi hsara ta' Joseph Pisani u/jew tal-kumpanija Master Cellars Ltd u/jew Bank of Valletta plc;
9. fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 5 ta' Frar, 2004 ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;
10. kiser il-provediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Frar, 2005 b'liema sentenza kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur; u
11. rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jsitghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat l-imputatzzjoni;

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat;

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni u wara li hadet l-informazzjoni mehtiega mill-Prosekuzzjoni u d-difiza, filwaqt illi tikkonferma s-sentenza sospiza fuq imsemmija u tistendiha ghall-sena ohra;

Wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 u l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9;

Ssib lill-imputat hati talli nhar it-3 ta' Marzu, 2005 ghall-habta ta' l-ghaxra ta' filghodu (10:00) fil-Qawra ikkommetta serq ta' van tal-ghamla Peugeot Partner b'numri tar-registrazzjoni JAE 346 kontenenti diversi affarijiet fosthom zewg cheque books tal-Bank of Valletta, liema serq huwa kkawifikat bix-xorta tal-haga u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) u li sar ghad-detriment ta' Joseph Pisani;
fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;
fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawzoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal-firma ta' Joseph Pisani u persuni ohra fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, fuq akkonti ta' l-imsemmija persuni;
nhar it-3 ta' Marzu, 2005 fin-Naxxar, xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;
fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument ffalsifikat;
fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) bi hsara ta' Joseph Pisani u/jew tal-kumpanija Master Cellars Ltd u/jew Bank of Valletta plc;
fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 5 ta' Frar, 2004 ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;
kiser il-provediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Frar, 2005 b'liema sentenza

kien gie misjub hati ta’ reat u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur; u
rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jsitghux jigu mibdula jew imhassra.

Tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja ta’ erbaghtax-il (14) xahar, b’dana illi tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin jipprovdi facilitajiet sabiex il-hati jirriabilita mill-vizzju tad-droga fl-isfond tar-regolamenti tal-habs.

Tordna li kopja ta’ din is-sentenza u l-atti tal-kawza jintbaghtu lill Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------